# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 15 ta' Marzu tas-sena 2001.**

**Numru   27**

**Avviz  numru      607/98/SM**

**Mrabat Trading Limited**

**vs**

**PJ Sutters Co. Ltd.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-2 t'April ta' l-1998 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

1. **Thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u sebghin lira Maltin u disa' u tletin centezmu (LM770.39,0), jew somma ohra verjuri li joghgobha tillikwida dina l-Qorti, ammont dovut bhala spejjez relatati mal-bejgh u konsenja ta' oggetti skond l-invoice numru 236828 datat**

**26/09/97 – kopja hawn annessa Dok. A. Ghalhemm s-socjeta' konvenuta giet interpellata biex thallas dina xorta baqghet inadempjenti;**

**2. Bl-imghax legali mis-26.09.97 u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tas-16 ta' Marzu, 1998 u LM10.00,0 tal-konsult, kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa tibqa' ngunta ghas-subizzjoni taghha;**

**Rat l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta datata l-20 ta' Mejju ta' l-1998 li permezz taghhom eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi t-talba tas-socjeta' attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez u dan peress li hija nfondata fil-fatt u fit-dritt stante illi skond il-ftehim bejn il-kontendenti l-ammont dovut huwa ta' LM440.06 (liema somma giet offerta lis-socejta' attrici li rifjutata minghajr ebda raguni valida), u il-bilanc reklamat mis-socjeta' attrici jirraprezenta valur ta' merce li s-socjeta' attrici rrifjutat li tiehu lura minkejja li skond il-ftehim kellha tehodha lura;**

**2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Ezaminat ix-xhieda mismugha mill-qorti diversament preseduta;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-vertenza in dizamina tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:**

**1. Illi s-socjeta' konvenuta riedet torganizza kampanja promozjonali u tramite terza**

**persuna ingaggat lis-socjeta' attrici biex tforniha b'oggetti li jistghu jservu dan il-ghan;**

**2. Illi wara li rapprezentanti tas-socjeta' attrici u tas-socjeta' konvenuta qablu fuq il-kwalita' tal-oggetti u fuq il-modalita' tal-pagament saret il-konsenja;**

**3. Illi s-socjeta' konvenuta riedet thallas biss in parte stante li kienet ghada ma ddisponietx mill-oggetti kollha lilha kkonsenjati;**

**4. Illi dan il-hals gie rifjutat mis-socejta' attrici u ghalhekk saret din il-procedura;**

**5. Illi pero' s-socjeta' konvenuta ssostni li l-ftehim ma kienx hekk ghalkemm dan kien konfutat mit-terza persuna involuta fuq riferita;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tikkonsidra li l-ftehim bejn is-socjetajiet involuti kien jirrigwarda l-kwantita' u l-prezz u bl-ebda mod ma iddahhlet il-kwistjoni tar-ritorn tal-oggetti in dizamina, konsegwentement tilqa' t-talbiet attrici u tordna lis-socjeta' konvenuta PJ Sutters Company Limited thallas lis-socjeta' Mrabat Trading Limited is-somma ta' seba' mija u sebghin Lira Maltin u disa u tletin centezmu, (LM770.39,0), kif mitlub fl-avviz odjern, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**